**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Josef Azzopardi**

Numru 70/2013

Illum is-sebgha (7) ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Josef Azzopardi**, ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Salvu u Bernarda neé Azzopardi, imwieled Rabat, Ghawdex, fit-18 ta' Settembru 1978, u residenti 'Narcisa', Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 23378(G), akkuzat talli nhar il-4 ta' Dicembru 2012 f'xi hin matul il-gurnata, waqt li kien qieghed fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex u jew fil-vicinanzi:

1. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Josephine Camilleri, liema hsara teccedi aktar minn mija u sittax-il Euro u

sebgha u erbghin centezmu (€116.47c), izda li ma taqbizx l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1.164.69c).

Il-Qorti giet mitluba illi, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Josephine Camilleri u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 10).

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanta.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijietipprezentata mill-kwerelanta fis-26 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 54 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 58 *et seq.*), is-sottomissjoniet finali da parti tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (*a fol.* 11 *et seq.*)

rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' kwerela li rcieva ghan-nom ta' Josephine Camilleri. Jghid li in segwitu ta' dawn l-investigazzjonijiet inhargu l-akkuzi fil-konfront tal-imputat. Ezebixxa l-istqarrija u d-dikjarazzjoni rilaxxati mill-imputat li gew immarkati bhala Dok. "BCS 1" u "BCS 2" (*a fol.* 14 *et seq.*).

In kontro-ezami jghid: *"Rigward xi hsarat li qal li m'ghamilx hu kien qal li l-bieb kellu, jekk mhux sejjer zball, xi daqqa fuqu. Hu kien qal li kien laqtu xi zmien qabel ir-ragel ta' Josephine Camilleri, kif kien qalli hu u kien qalli li dan jafu ghax dakinhar kienu ghadhom u kien qalli li kien qallu hu stess li kien ghamel xi hsarat fuq il-bieb. Rigward il-hsara li ammetta hu kien qalli li ammetta li kissirlu l-pum illi jinfetah bih il-bieb"* (*a fol.* 13). Jghid li kienet ittiehditlu stima li kienet tlehhaq xi haga aktar minn mija u sittax-il Euro (€116.00).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien intbaghat fuq il-post mill-Ufficjal Prosekutur Spiteri sabiex jiehu xi ritratti fejn kien sehh l-incident u wara li kien ha dawn ir-ritratti kien avvicinah l-imputat fejn kien qallu li kien volontarjament kisser xi pum li kien lest li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu. Ezebixxa l-okkorrenza li fuqha ghamel *update*, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. "ES 1" (*a fol.* 19 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014, xehed **Joe Mercieca** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn qal li xoghlu huwa dak ta' mastrudaxxa u jaghmel l-*aluminium* ukoll u li gie mitlub minn Josephine Camilleri sabiex isewwi hsara li kien hemm fuq bieb ta' garaxx li jinsab in-Nadur. Jispjega li t-tiswijiet li ghamel kienu jikkonsistu fuq xoghol ta' *aluminium* u mistoqsi jghid x'kellu jsewwi, wiegeb: *"is-serraturi, firolli, parti mill-bieb ukoll"* (*a fol.* 25). Mistoqsi jghid ma xiex kienet kompatibbli l-hsara, wiegeb li hu haseb li kienet daqqa ta' vettura. Ezebixxa dokument rigward l-ispejjez, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 29). Jghid li minkejja li x-xoghlijiet ghamilhom f'Ottubru 2013, Josephine Camilleri kienet marret ghandu madwar sitt jew seba' xhur qabel.

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid jekk biddilx il-bieb shih, wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jghid b'mod dettaljat x'tiswijiet ghamel, wiegeb: *"kien hemm firrolli, serraturi, kien hemm parti mill-bieb, parti mill-bieb u x-xoghol"* (*a fol.* 27). Jghid li kien hemm sitt firrolli. Jixhed Jghid li kien hemm *aluminium* mghawweg li gie mibdul. Jghid li biddel zewg paranti.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014, xehdet ukoll **Josephine Camilleri** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut cemplulha fuq ix-xoghol biex tmur titfi l-forn tal-genituri taghha peress li dawn kienu marru l-Ghassa tal-Pulizija rigward kaz li kien ghadu kemm gara. Tghid li meta waslet id-dar sabet il-bieb tal-garaxx sgassat u l-pum taht il-bankina u l-bieb miftuh berah. Tghid li dakinhar fil-ghaxija r-ragel taghha ghamel xi hin jipprova jaghlaq il-bieb ghax dan ma setax jinghalaq sew. Mistoqsija tghid kif l-imputat dahal fl-istorja, wiegbet li ma tafx peress li kienet xoghol. Tghid li l-ghada rraportat lill-kugini taghha Josef Azzopardi (l-imputat) u Peter Azzopardi u liz-zija taghha Bernarda Azzopardi. Tispjega li l-iSpettur qalilha li kien biss Josef Azzopardi li kien ammetta u b'hekk hareg akkuzi fil-konfront tieghu biss. Tispjega wkoll li kien Joe Mercieca li kien irranga l-hsarat u li kienet kellmitu ftit granet wara l-akkadut peress li ftehmu li ma jsirux l-arrangamenti necessarji peress li riedu jaraw kif ser jimxu l-proceduri. Tixhed li, biex giet trangata l-hsara, hallset is-somma ta' mitejn u sitta u tletin Euro (€236.00) bil-VAT. Ikkonfermat Dok. "JM 1" (*a fol.* 29).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsija tghid xi hsarat rat, wiegbet: *"il-pum kien taht il-bieb, il-firrolli kienu maqlughin il-vit kien barra, is-serratura c-cavetta jien filghodu sakkar minn gew u hrigt mill-garaxx l-iehor bhalma naghmel is-soltu. Is-serratura kellha tinbidel ghax ic-cavetta kienet mkissra fih ghax il-bieb kien miftuh minn hemm u parti panew, il-panewa kienet mghawwga u l-ohra mghawwga wkoll, pero wahda minnhom drittaha u wahda kellu jibdilha u bidel, hu tal-aluminium, partijiet hekk, ma nafx x'jghidulhom"* (*a fol.* 33). Tichad li parti minn din il-hsara kienet tezisti qabel sehh l-incident. Tghid li qabel l-akkadut il-bieb dejjem setgha jinghalaq. Tispjega li kien hemm hsara fuq il-bieb pero mhux f'dik il-parti.

Tikkonferma li zewgha kien mess il-bieb bit-trakk. Tghid: *"Imma mhux daqqa ta' trakk bhalma tawh huma"* (*a fol.* 33). Tghid li t-trakk kemm mess mal-bieb u li l-bieb ma kienx tghawweg meta gara dan pero spicca nbarax ftit.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2014, xehed **Saviour Camilleri** (*a fol.* 37 *et seq.*) fejn qal li l-imputat ma kienx wahdu meta kisser il-bieb ta' bintu Josephine Camilleri. Ma jafx meta gara l-akkadut. Mistoqsi jghid jekk kienx prezenti meta gie mkisser il-bieb, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2014, xehdet ukoll **Rita Camilleri** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn qalet li ma kienitx prezenti meta sehhet il-hsara fil-bieb in kwistjoni. Tixhed li qabel l-incident mertu tal-proceduri odjerni kien sehh incident iehor li kien jinvolvi lil zewgha u lil Bernarda Azzopardi (omm l-imputat) in segwitu ta' liema marru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija u f'dan il-hin il-bieb tal-garaxx ta' bintha Josephine Camilleri kien fi stat tajjeb. Tghid li qabel dakinhar il-bieb ma kellux hsara. Tghid li damu arrestati madwar tlieta u ghoxrin siegha u li meta rritornaw lura d-dar innotaw li l-bieb tal-garaxx, liema bieb huwa tal-*aluminium*, kien bla pum, ic-cavetta kienet miksura fis-serratura u l-firrolli kienu mghawwgin. Tghid li l-bieb kien mifqugh.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014, xehed **Michael Camilleri** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn beda billi qal li Saviour u Rita Camilleri jigu l-kunjati tieghu. Jghid li hu ma kien prezenti ghall-ebda glieda u li x'hin mar id-dar sab il-bieb tal-*aluminium* sgassat u ma setghax jinghalaq. Jghid li filghodu kien ghalaq il-bieb bhas-soltu. Jghid li l-bieb kien ilu hemm hafna u li qabel l-akkadut ma kienx perfett pero jghid li kien jinghalaq. Jghid li fuq in-naha ta' isfel kien hemm daqqiet li huwa jahseb li saru bis-sieq. Jispjega li d-daqqiet kienu fin-nofs tal-bieb, bejn iz-zewg paranti. Jghid li l-bieb tbewwaq il-gewwa u nkisret is-serratura. Jghid li l-viti tal-firrolli hargu barra minn gol-*aluminium*. Jispjega li dakinhar stess ghamel xi tibdiliet biex ikun jista' jaghlaq l-bieb. Jghid: *"Biex ninqeda ghal dakinhar u ghamilt viti iktar hoxnin fis-saddles biex izommu ghal dakinhar"* (*a fol.* 46).

Jixhed li l-bieb gie trangat wara xi zmien u mistoqsi jghid kemm intefqu spejjez, wiegeb: *"Jien mhux ha naghti kaz l-ispejjez ghax jien mhux qieghed hawn ghall-ispejjez. Qieghed hawn ghall-korrettezza etika u fir-rappurtur"* (*a fol.* 46).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015, xehed l-imputat **Josef Azzopardi** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn beda billi kkonferma l-istqarrija (Dok. "BCS 1" – *a fol.* 14 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija. Jghid li dakinhar tal-akkadut kien sab lil ommu go ghadira demm u mar ihabbat mal-bieb ta' Josephine Camilleri peress li hemmhekk kien joqghod missierha li allegatament kien ta daqqa lil ommu. Jghid: *"X'hin bdejt, dak il-hin kont daqxejn mitluf u x'hin bdejt inhabbtilhom biex johorgu u hekk, il-pum gie f'idejja. U x'hin gie l-pum f'idejja jien waqaft u rrikonoxxejt x'kont qed naghmel u dhalt 'il gewwa ghal fejn ommi ergajt"* (*a fol.* 48). Jghid li hu kisser biss il-pum li lest li jhallas.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma kienx jaf li f'dak il-hin li mar ihabbat, Saviour u Rita konjugi Camilleri kienu arrestati. Mistoqsi jghid jekk jafx li meta waslu l-Pulizija fuq il-post, huma sabu l-bieb ma jinghalaqx, wiegeb: *"Ghax il-pum kien miksur"* (*a fol.* 49). Ma jafx li l-Pulizija sabu l-panewijiet miksurin. Jghid li, sa fejn hu, ma jidhirlux li dakinhar tal-akkadut kien hemm xi hadd iehor ihabbat il-bieb. Jghid li filghaxija l-bieb inghalaq sewwa u l-bieb dam jinghalaq hafna zmien. Jixhed li qabel il-bieb tqaccatlu l-pum kien fih daqqa ohra tajba. Jghid li lir-ragel ta' Josephine kien tah l-ghodda biex jiddritta l-panewijiet ghax kien tah daqqa bil-van. Jghid li dan kien xi sena qabel.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "BCS 1" – *a fol.* 14 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Spiteri, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "BCS 2" – *a fol.* 16), l-imputat ta dettalji fuq l-istess linji li xehed fuqhom meta xehed quddiem il-Qorti. Jghid: *"Jien ntlift u mort nhabbat mal-bibien tal-garaxxijiet taghhom li huma tnejn. Jien ftaht*

*wiehed minnhom billi gbidt darbtejn minn il-ponn tal-bieb u l-bieb infetah wahdu. Issa jien nrid nghid li l-ponn tal-bieb dak il-hin gie f'idejja"* (*a fol.* 14 *tergo*). Mistoqsi jghid jekk tax daqqiet ta' sieq fuq il-bieb, wiegeb li ma jafx x'ghamel. Mistoqsi jghid xi hsarat ghamel apparti li kisser il-pum, wiegeb: *"Jien naf li nfetah imma naf li ghamilt xejn partikulari"* (*a fol.* 14 *tergo*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li volonarjament ghamel hsarat fuq il-bieb tal-garaxx tal-kwerelanta. Il-Qorti tinnota li l-kontestazzjoni li tezisti hija dik li filwaqt li l-kwerelanta ssostni li l-hsarat fil-bieb in kwistjoni kienu varji, l-imputat jghid li huwa kisser biss il-pum ta' dan il-bieb. Mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Josephine Camilleri (*a fol.* 30 *et seq.*) tikkonferma li l-bieb in kwistjoni kellu xi grif fuqu qabel sehh l-akkadut mertu ta' dawn il-proceduri, pero tichad li qabel dakinhar tal-akkadut il-bieb kellu l-hsarat li semmiet fid-depozizzjoni taghha.

- Rita Camilleri (*a fol.* 39 *et seq.*) xehdet li fil-hin li zewgha u hi marru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija dakinhar tal-akkadut il-bieb in kwistjoni kien fi stat tajjeb u li qabel dakinhar il-bieb ma kellux hsara. Tghid li kien biss meta rritornaw lura d-dar (wara li kienu nzammu arrestati rigward akkadut iehor li sehh ftit qabel) li nnutaw li l-bieb in kwistjoni kellu xi hsarat u spjegat x'kienet din il-hsara.

- Michael Camilleri (*a fol.* 43 *et seq.*), ir-ragel tal-kwerelanta, iddeskriva li meta wasal id-dar wara l-akkadut mertu tal-proceduri odjerni sab il-bieb in kwistjoni sgassat u ma setghax jinghalaq. Filwaqt li jammetti li qabel l-akkadut dan il-bieb ma kienx perfett, pero jghid li qabel l-akkadut dan setgha jinghalaq. Huwa spjega fiex kienu jikkonsistu l-hsarat li sab fuq il-bieb.

- Joe Mercieca (*a fol.* 24 *et seq.*) spjega li t-tiswijiet li ghamel fuq il-bieb in kwisjoni kienu jikkonsistu fuq xoghol ta' *aluminium* u jghid li kellu jsewwi xi serraturi u firrolli u peress li kien hemm xi *aluminium* mghawweg, giet mibdula din il-parti.

- *Da parte* tieghu, l-imputat Azzopardi (*a fol.* 48 *et seq.*) ammetta li ntilef meta sab lill-ommu bid-demm u beda jhabbat lill-qraba tieghu biex johorgu u li f'hin minnhom gie l-pum tal-bieb f'idejh. Huwa jammetti li kisser il-pum biss. Huwa jghid li l-bieb kien ha daqqa tajba qabel l-akkadut.

Illi l-Qorti tinnota li hadd mix-xhieda prodotti f'dawn il-proceduri ma ra lill-imputat ihabbat mal-bieb in kwistjoni dakinhar tal-akkadut u jaghmel il-hsara li huwa allegat li ghamel. Minkejja dan, minn dak hawn fuq espost, il-Qorti jirrizultalha li l-bieb in kwistjoni kien effettivament jinghalaq sew qabel l-akkadut mertu tal-proceduri odjerni. Jirrizulta li l-imputat kien f'daghdigha liema bhala meta sab lill-ommu fl-istat li kienet u l-Qorti tista' tifhem l-istat ta' animu li kien fih meta mar ihabbat il-bieb in kwistjoni. Dan l-istat ta' animu sarraf zgur, kif jammetti l-imputat stess, fil-fatt li l-imputat kisser il-pum. Biex sar dan, m'hemmx dubju li l-imputat ma kienx qed ihabbat b'gentilezza pero jista' jinghad, fi kliem l-imputat stess, li l-imputat kien mitluf. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-imputat jammetti li kiser il-pum, il-Qorti tifhem li l-hsarat li l-kwerelanta tghid li sabet fil-bieb in kwistjoni sehhew f'dan il-mument u li dawn sehhew meta l-imputat kien f'daghdigha biex jiftah l-imbierek bieb! Il-Qorti jirrizultaha li l-bieb kien jinghalaq sew qabel l-akkadut u li dakinhar tal-akkadut kellhom isiru xi arrangamenti fuqu biex setgha jinghalaq. Apparti minn dan, Joe Mercieca spjega x'tiswijiet ghamel u minkejja li Mercieca jghid li huwa haseb li l-bieb kien qala' daqqa ta' vettura dan huwa biss hsieb tieghu u xejn aktar.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li effettivament kien l-imputat li kkawza l-hsarat reklamati mill-kwerelanta fil-bieb in kwistjoni.

Illi, fir-rigward tal-ammont tal-hsarat kagunati fil-bieb in kwistjoni, il-Qorti tinnota li filwaqt li l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Spiteri jghid li kienet ittiehditlu stima li kienet tlehhaq xi haga aktar minn mija u sittax-il Euro (€116.00) (*a fol.* 13), il-persuna li sewwa l-hsarat, cioé Joe Mercieca ezebixxa dokument rigward l-ispejjez, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 29). Minn dan id-dokument jirrizulta li l-hsara kienet tammonta ghal mitejn u sitta u tletin Euro (€236.00). *Da parti* taghha, il-kwerelanta Camilleri kkonfermat dan. Tenut kont ta' dan, il-Qorti hija sodisfatta li l-ammont ta' mitejn u sitta u tletin Euro (€236.00) gie pruvat.

**Ikkunsidrat**

lli l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

lli, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni li giet addebitata fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 8) tal-imputat (li hija wahda kompletament nadifa), l-istat ta' animu tal-imputat dakinhar tal-akkadut u l-ammont tal-hsarat kagunati minnu. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed ghal biex tapplika Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat jaghraf ma jergghax jirrepeti l-agir tieghu. Fil-piena moghtija fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser taghzel li timponi ordni ta' hlas.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 325(1)(b)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Josef

[1] Kif kien vigenti meta sehhet l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

Azzopardi hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum u tordna li sa zmien xahar millum l-imputat ihallas is-somma ta' mitejn u sitta u tletin Euro (€236.00) lil Josephine Camilleri.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata u jekk ma jhallasx is-somma ta' mitejn u sitta u tletin Euro (€236.00) lil Josephine Camilleri fiz-zmien lilu moghti.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Josephine Camilleri.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**